# Angelo Galea
# Karriera fil-banda u frak mill-Istorja

*Joyce Guillaumier*

X'għandhom x'jaqsmu l-pesta bubonika u l-baned? Xejn, nistħajjilkom tgħidu. U jkollkom mitt elf raġun jekk dik kienet it-tweġiba tagħkom. Imma meta wieħed iħares lura fiż-żmien żgur li jintebaħ kif ċerti avvenimenti - anke jekk mhux intenzjonati u kważi kważi b'kumbinazzjoni - ħallew effetti kollaterali fuq l-istorja ta' pajjiżna. Per eżempju l-għaks u l-faqar li waqgħu fuq gżiritna wara l-1815 (Malta kienet intlaqtet minn epidemja tal-pesta li ħalliet ma' l-4500 vittma warajha, jigifieri 10% jew persuna waħda minn kull għaxra tal-popolazzjoni Maltija ta' 116,000 ruħ[1]) kienu, biex ngħid hekk, iċ-ċavetta li fetħu bibien ġodda u li taw imbuttatura kbira lill-mużika f'Malta. Tinħass ironika veru, imma meta nħarsu lura, meta niflu sew x'ġara, nindunaw li tassew kif igħid il-Malti, li mix-xewk jista' joħroġ il-ward u li ma' kull sħaba hemm faxx tal-fidda!!

## Mela x'ġara?

Il-Gvernatur Brittaniku, li dak iż-żmien kien Sir Thomas Maitland, ried jara kif se jerġa' jagħti ħajja lill-pajjiż mifluġ billi jipprovdi x-xogħol u b'hekk jerġa' jibda jdawwar ir-rota. Il-pesta kienet waqqfet kull attività kummerċjali u portijiet barranin saħansitra kienu ngħalqu għall-bastimenti Maltin. Minkejja ħafna sforzi tal-Gvernatur iżda – bħall-introduzzjoni ta' politika ekonomika, sistema ta' tassazzjoni u l-insistenza tiegħu biex portijiet barranin jerġgħu jinfetħu għall-bastimeni Maltin - l-attività kummerċjali bħal qisha ma setgħetx terġa' tingrana. Fl-1824, laħaq Gvernatur f'Malta l-Ġeneral Francis Rawdon, Markiż ta' Hastings. Dan intbagħat hawn biex jipprova jqajjem l-ekonomija Maltija, għalkemm hawn min iqis il-ħatra tiegħu iktar bħala *demotion* u dan minħabba avvenimenti sfortunati li kienu seħħew f'ħajtu (sena qabel ġie Malta kien inħeles minn kull suspett li kien iffavorixxa bank kummerċjali, iżda minkejja dan, pajjiżu ċċensurah u hu kellu jirriżenja minn Gvernatur-Ġenerali ta' l-Indja u ftit wara sab ruħu Malta[2]. Biex jilħaq l-għan li jerġa' jqajjem il-kummerċ u l-ħajja ekonomika f'Malta, hu għamel għadd ta' suġġerimenti u proposti lil Londra, fosthom li jinfetaħ l-ingaġġ f'reġimenti Brittaniċi li kien hawn fil-gżira (fl-1814 Malta kienet ġiet dikjarata bħala Kolonja Ingliża, fatt li kien ikkonfermat mill-Kungress ta' Vjenna). Din it-talba ntlaqgħet mill-politiċi Ingliżi u hekku li f'daqqa waħda rġiel Maltin setgħu jissieħbu fir-reġimenti li kien hawn hawnhekk. Fil-fatt l-uffiċjali militari bdew idaħħlu rekluti Maltin bil-proporzjon ta' ħames (5) Maltin għal kull mitt (100) suldat Brittaniku. Mhux hekk biss, imma l-kmandanti tal-bastimenti navali wkoll ġew imħeġġa biex idaħħlu lil dawk il-Maltin li xtaqu jingħaqdu mal-baħrin[3].

Il-Maltin li kienu ngaġġati mal-qawwiet Ingliżi setgħu anke jissieħbu mal-baned militari bħala strumentalisti u bħal ma jgħidilna l-Brigadier Samut-Tagliaferro l-iktar li kont issib kienu trumbettiera , iżda kien hemm oħrajn li laħqu surġenti trumbettiera u anke *band sergeant* li kienu pożizzjonijiet rikonoxxuti fis-servizz. Naturalment is-surmast kien ikollu pożizzjoni iktar elevata u prestiġġuża kif ukoll kien ikun imħallas ħafna aħjar mill-bandisti li kienu wkoll nies militari. Meta nfetaħ l-ingaġġ għall-Maltin ma jidhirx li kien hemm wisq ftuħ għal min ried jitharreġ fid-direzzjoni u l-kompożizzjoni, għalkemm kien hemm xi eċċezzjonijiet, fosthom

ANGELO GALEA li twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1806 u li għen lil ibnu Filippo (li twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1829) iwaqqaf banda f'raħal twelidu[4]. Nistgħu ngħidu li kien Angelo li beda t-triq għall-oħrajn li ġew warajh biex isiru surmastrijiet bħalu, anke f'baned mhux militari li bdew jitwaqqfu f'ħafna rħula u bliet Maltin. Il-baned tant saru popolari li sa tarf is-seklu dsatax jidher li kien hawn 36 banda f'Malta u anke f'Għawdex fejn hemm kien hemm il-*Calypso* fin-Nadur u ż-żewġ soċjetàjiet tar-Rabat[5]. Tajjeb li ngħidu wkoll li dawk l-ewwel mużiċisti Maltin li kienu ġew ingaġġati mill-baned militari pprovdew is-sisien li fuqhom ġew iffurmati l-baned Maltin li bdew ifaqqsu f'diversi inħawi. Kienu ħafna r-raġunijiet għala il-baned tkattru, fosthom insibu l-fattur tal-popolazzjoni li fis-seklu 19 irduppjat. Barra minn hekk bdew jiżdiedu l-festi reliġjużi u anke profani – bħall-Karnival – li allura kellhom bżonn il-mużika u l-briju tal-baned, u fl-aħħar insibu l-faxxinu u l-interess fil-baned militari li kienu jagħtu wirjiet li jqanqlu d-demm tant li ħafna xtaqu li f'raħalhom ikollhom xi istituzzjoni simili. ANGELO GALEA ta s-sehem tiegħu biex dan il-faxxinu jikber u jiżdied tant li fil-fatt hu meqjus bħala l-ewwel mużiċista li għamel karriera bħala surmast tal-banda, għalkemm ma nistgħux ninjoraw il-fatt li hu kien ipprova jidħol fid-dinja tal-mużika ekklesjastika u għalkemm dejjem ta prodott tajjeb bħal ma nsibu anke fil-gazzetti ta' l-epoka bħal ngħidu aħna *L'Osservatore Maltese,* li sostniet li "kien hemm min għamillu azzjoni ħażina" jidher li sab it-tfixkil għalkemm ħadd ma jaf minn min u għaliex. Minħabba dan l-intopp Anġelo għażel li jagħfas fuq il-ħidma bħala surmast tal-baned, l-iktar dik ta' reġimenti Ingliżi stazzjonati f'Malta. Galea kien imħarreġ sew fit-tmexxija tagħhom u kompla jissaħħaħ u jakkwista esperjenza iktar m'għadda ż-żmien. Ma rridux ninsew li f'Malta f'dak iż-żmien kien hawn ħafna baned militari Brittaniċi għax Malta kienet ħolqa importantissima fiż-żamma u t-tkabbir ta' l-imperu Ingliż. Nafu li għall-ħabta ta' l-1840 Anġelo kien surmast tal-Banda tar-regiment 88 fejn ibnu Filippo kien kadett (għax Filippo tħarreġ ukoll fil-baned militari) waqt li fl-1848 laħaq is-surmast tar-Royal Malta Fencibles. Taħtu din il-Banda kisbet suċċessi kbar u nsibu li mhux l-ewwel darba li bdiet tkun mistiedna ddoqq f'okkażżjonijiet ċivili bħal żwiġijiet u magħmudijiet li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-ħajja u l-prattika militari, użanza li urtat lid-'daqqaqa tat-triq' għax bdew iqisu li l-Fencibles kienu qed jeħdulhom posthom[6].

Il-ħidma ta' Galea ma kinetx marbuta ma' Malta biss tant li nsibu li fl-istess sena li laħaq surmast jew aħjar *Bandmaster* tal-Fencibles., jiġifieri fl-1848 hu siefer lejn Korfu għax kien laħaq direttur tal-banda tar-regiment nru. 76 li kien stazzjonat f'dik il-gżira Griega. Ibnu Filippo mar Korfu miegħu, anzi, meta missieru ġie Malta għal vaganza, Filippo ngħata t-tmexxija tal-banda f'idejh. Il-karriera ta' Anġelo baqgħet meixja qatigħ u meta l-100th Regiment telaq minn Malta f'Ottubru ta' l-1866 (sadanittant hu kien laħaq surmast tal-banda ta' dan ir-regiment) kien ippreżentat b'tazza tal-fidda u ċurkett tad-deheb bħala rikonoxximent ta' xogħlu ma' dik il-banda.

Waqt li kont qiegħda nfittex tagħrif dwar dan is-surmast Żebbuġi sibt żewġ dati marbuta ma' mewtu, waħda tgħid li hu miet fl-1870 (FAMOUS GALEAS – searchmalta.com) – u l-1890 kif Castagna ġie kkwotat minn Joe Vella Bondin fil-ktieb tiegħu "Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin", pubblikazzjoni PIN.

1 Henry Frendo – Storja ta' Malta, it-tielet volum (2004) p 52 Klabb Kotba Maltin
2 Glenn F. Cartwright – Chronology of Lord Francis Rawdon, Marquess Hastings
3 Josepf Vella Bondin – Il-Muzika ta' Malta fis- Sekli Dsatax u Ghoxrin (2000) p 73 PIN Publications
4 *Banda di San Filippo* (ara Esito Venere Lampada-Esito Straordinario,Registro Carità (1851-1860); u Esito Venere Lampada-Registro Festa di San Filippo (1856-1861), żewġ reġistri li jinsabu fl-arkivju tal-Parroċċa ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ).
5 Henry Frendo – Storja ta' Malta, it-Tielet volum (2004) p 214, Klabb kotba Maltin.
6 *ibid* p 212.